# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' nhar il-5 ta' Marzu 2024**

**Talba nru. 407/2023**

**KONRAD GATT**
**(ID 368152M)**

*VERSUS*

**ECJS LTD**
**(C89321)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avvizipprezentat fis-7 ta' Novembru 2023 l-attur talab sabiex dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ammon ta' tmienmija sitta u tletin Ewro u hames centezmi (Eur 836.05) rapprezentanti ammont li l-attur hallas sabiex saru tiswijiet f'saqaf tal-komun ta Savoy Terrace Garages u li s-socjeta konvenuta llum hija l-amministratur ta' tali komun.

Ra illi s-socjeta konvenuta giet notifikata fl-1 ta' Dicembru 2023 kif jidher a fol. 8 u l-pink card relattiva.

Ra illi fis-seduta sussegewenti dik ta' 8 ta' Jannar 2024, l-ebda rapprezentant tas-socjeta konvenuta ma kien prezenti u lanqas deher xi rapprezentant ghaliha sabiex iwiegeb il-pretizi attrici. Illi t-Tribunal ra ukoll illi ma kienet dahlet l-ebda risposta fit-terminu moghti mil-ligi.

Ra illi ghaldaqstant dawn in-nuqqasijiet tas-socjeta konvenuta irrendew lill-istess socjeta konvenuta bhala kontumaci.

Ra illi fis-seduta tal-15 ta' Frar 2024, deher l-attur biss illi pprezenta affidavit tieghu u pprezenta sett ta' dokumenti.

L-attur iddikjara illi ma kellux iktar provi.

Ra l-atti processwali kollha.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi tul l-affidavit tieghu, l-attur jghid illi fis-sena 2015 kien gie mahtur amministratur ta' Savoy Terrace Garages Owners Association u dam jaqdi din il-funzjoni ghal sebgha snin. Fis-7 ta' Dicembru 2021, l-attur kellu l-ftehim tieghu imgedded ghal hames snin ohra u cioe sas-sena 2026.

L-attur ighid illi kien inholqot problema bis-saqaf tal-komun u dan wassal sabiex fis-sajf tas-sena 2022 "*tant iggravat is-sitwazzjoni li cempluli biex niehu azzjoni ghax kienu waqghu bicciet kbar minnu*". Ghaldaqstant, l-attur qabbad lill-kuntrattur li kien ghamel l-istess xoghol ftit snin qabel u dan ix-xoghol sar f'Novembru 2022. L-attur hallas lill-kuntrattur Eur 600 on account ghaliex ix-xoghol ma kienx komplut. Dawn il-flus thallsu direttament mill-attur ghaliex ma kienx hemm hafna flus fil-kont tas-sidien stante illi kienet waslet biex taghlaq is-sena finanzjarja.

L-attur jghid illi fil-laqgha annwali ta' l-14 ta' Novembru 2022 is-sidien ilmentaw illi x-xoghol ma sarx sew u minkejja li kien infurmahom li kien hareg il-flus minn butu, huma baqghu ma hallsuhx. Fl-affidavit tieghu, l-attur jipprezenta prospett ta' l-ispejjez li nefaq u jiddikjara illi zewg sidien hallsuh is-sehem taghhom, wara li nfethet din il-kawza. Ghaldaqstant l-ammont mitlub mill-attur gie ridot ghal Eur 735.05.

Illi s-socjeta konvenuta baqghet ma dehritx ghas-seduti u lanqas ipprezentat risposta minkejja li kienet gieta debitament notifikata bl-atti processwali. Illi fid-dawl ta' tali ommissjonijiet it-Tribunal iddikara lis-socjeta konvenuta fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Illi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas talkonvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Subtitolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Illi ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi.

Illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u l-affidavit ta' l-attur u d-dokumenti ipprezentati, t-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li l-attur jimmerita li jieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mis-socjeta attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socejta konvenut thallas lill-attur is-somma sebgha mija hamsa u tletin Ewro u hames centezmi (Eur 735.05) bl-imghaxijiet mis-7 ta' Novembru 2023 sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri,huma kollha a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur